SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA**

**14 ta' Settembru, 2010**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo, l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

3.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kumitat.

3.1.2 Emenda mressqa mill-Membru Alfred Mangion:

3.1.3 "Il-Kumitat jaqbel li minuta 2.4.5 tiġi mħassra."

3.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mill-Membru Robert Vella Bonnici u għaddiet unanimament.

3.1.5 Emenda mressqa miċ-*Chairperson*:

3.1.6 "Il-Kumitat qabel li f'minuta 2.5.2 bejn il-kliem "dawk" u "li" jidħlu l-kliem "il-fondi" u li tiġi mħassra l-kelma "inkluż" u tiġi sostitwita bil-kliem "kif ukoll il-"."

3.1.7 Din l-emenda kienet issekondata mill-Membru Alfred Mangion u għaddiet unanimament.

3.1.8 Il-Membru Janet Barthet daħlet għal-laqgħa. (6.15pm)

3.1.9 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

3.1.10 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tat-tieni seduta kif emendati.*"

3.1.11 Din il-mozzjoni kienet issekondata miċ-*Chairperson* u approvata unanimament.

3.1.12 Il-Kumitat iddiskuta t-termini tal-eżekuzzjoni tad-deċiżonijiet tiegħu, u li kif tistipola l-Liġi, dan jista' jseħħ biss wara li jkun ġie ppreżentat rapport mis-Segretarju Eżekuttiv f'laqgħa tal-Kunsill.

3.1.13 Iċ-*Chairperson* laqa lis-Sindku u f'isem il-Kumitat awguralu għal ħatra kif ukoll stqarr li jinsab persważ bil-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu sabiex jintlaħqu l-għanijiet komuni favur ir-residenti tal-Kappara.

3.1.14 Is-Sindku rringrazzja liċ-*Chairperson* u f'diskors saħaq dwar l-importanza li jkun hemm kollaborazzjoni sħiħa u li se jkun qed jagħti l-appoġġ tiegħu għal ħidma tal-Kumitat.

3.1.15 Il-Membru Robert Vella Bonnici awgura lis-Sindku għal ħatra tiegħu.

### 3.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.2.1 Iċ-*Chairperson* ta rendikont lil Kumitat tal-laqgħat li kienu saru ma' *Chiswick House School*, *Transport Malta* u l-kumitat ta' residenti kontra l-proġett tal-*flyover*.

3.2.2 Wara diskussjoni, li pparteċipaw il-Membri kif ukoll is-Sindku, kien hemm qbil li ssir iktar kommunikazzjoni ma' *Transport Malta* dwar l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq Antonio Schembri.

3.2.3 Kienu wkoll ippreżentati dokumenti mħejjija minn grupp ta' residenti dwar l-effett negattiv tal-proġett propost tal-*flyover* (PA 4917/09) mill-konsulent imqabbad minnhom.

3.2.4 Saret diskussjoni dwar il-manutenzjoni taż-żona, fejn kienet irrimarkata il-ħidma li saret fi Ġnien Ġ.M. Camilleri kif ukoll is-sinjali tat-traffiku tal-madwar.

3.2.5 Wara diskussjoni mill-Kumitat u s-Sindku, kien hemm qbil li jitħejja programm ta' manutenzjoni sabiex fejn ikun possibli dawn isiru bi skema pprovduta mill-*IPSL*.

3.2.6 Il-Kumitat kien infurmat li kienet intefgħat applikazzjoni għal fondi mal-Gvern Ċentrali sabiex isir *upgrading* ta' Ġnien Ġ.M. Camillieri.

3.2.7 Il-Kumitat innota pożittivament li rapporti mgħoddija lil Għassa tal-Pulizija San Ġwann ittieħdet azzjoni mmedjata dwarhom u ntalbet azzjoni oħra dwar *planters* fuq bankini.

3.2.8 Iċ-*Chairperson* poġġa għad-diskussjoni s-sitwazzjoni tal-iskart mal-*Bring-In Site* fi Triq Birkirkara.

3.2.9 Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li ssir talba sabiex l-iskip tal-iskart imħallat tiġi ri-allokata għal Triq Ġ. Despott immedjatament.

3.2.10 Kienet ukoll mitluba verifika mill-*Contracts Manager* dwar l-istat ta' ndafa ta' taraġ pubbliku li jinsab fi Triq l-Alwett.

3.2.11 Il-Kumitat, wara li kien ippreżentat b'talba għal ħlas għal allegat inċident fi Triq Sliema, qabel li jadotta *policy* li ma jħallasx għal ħsarat tal-vetturi sakemm ma tkunx il-kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Kunsill li tagħmel dan.

3.2.12 Il-Kumitat kien infurmat b'laqgħa dwar iffilmjar fil-Kappara u li ma kien hemm l-ebda oġezzjoni għal permessi li jinħarġu mill-Pulizija u awtoritajiet oħra kompetenti.

## 3.3 Diskussjoni: *Neighbourhood Watch*

3.3.1 Wara diskussjoni mill-Kumitat, kien deċiz illi ssir verifika dwar interess mir-residenti għal twaffiq ta' *neighbourhood watch* f'żoni differenti kif ukoll li tinġieb informazzjoni dwar dan mill-Pulizija.

## 3.4 Laqgħat ma' Membri Parlamentari tad-distrett

3.4.1 Wara diskussjoni mill-Kumitat, kien hemm qbil unanimu li jsiru laqgħat separati mal-Membri Parlamentarti kollha eletti u li kkontestaw għal lokalita' ta' San Ġwann.

3.4.2 Il-Membri kienu wkoll imfakkra dwar il-laqgħa li kienet se ssir mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said.

3.4.3 Minbarra dan kienu se jsiru wkoll laqgħat mal-Ambaxxata Russa u dik Eġizzjana.

### 3.5 Diskussjoni: Kuntratti u Finanzi tal-Kappara

3.5.1 Il-Kumitat iddiskuta l-pożizzjoni attwali fejn il-Gvern Ċentrali għadu ma stabbilix il-kriterji kollha dwar kif se tiġi maqsuma l-ispiża kollha u għalhekk ma setgħux jiġu ppreżentati stqarrijiet finanzjarji.

3.5.2 Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jitqajjem fil-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari.

### 3.6 Diskussjoni: Memo 73/2010 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf

3.6.1 Il-Kumitat qabel li għalkemm ma kienx magħruf ir-riżultat għall-applikazzjoni tiegħu dwar il-kampanja, għandhom jibdew it-tħejjijiet dwar il-*leaflet* bħala parti mill-kampanja edukattiva.

3.6.2 Kien hemm qbil li jsiru wkoll diskussjonijiet mal-Ministeru responsabbli dwar il-qtates abbandunati fil-Kappara.

3.6.3 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fis-7.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum **12 Ottubru, 2010**

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |